MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 433/2012

**J & C Debono Company Limited (C 6805)**

**vs.**

**Turan Pektas K.I. 28571 (A)**
**u Amanda Pektas K.I. 459186(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' elf, ħames mija u ħdax-il Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€1511.74), rappreżentanti ħlas ta' liċenzji rigwardanti l-fond bl-isem ta' "Southern Fried Chicken", fi Triq il-Kbira, il-Mellieħa, u dana skont skrittura privata bejn il-partijiet datata 22 ta' Novembru 2010

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ elf, ħames mija u ħdax-il Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€1511.74), bl-imgħax legali dekorribbli kif mitlub mit-22 ta’ Novembru 2010, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u numerata 4820/11, huma a kariku tal-konvenuti, in solidum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------